

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva, li tirrappreżenta disinn iċċangjat bil-kuluri griż ċar, griż skur, beige, aħmar skur u kannella, għal prodotti fil-klassijiet 18, 24 u 25

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾, peress li t-trade mark inkwistjoni għandha karattru deskrittiv, u ksur tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni d-diversi argumenti ta' fatt u ta' dritt li ġew ippreżentati mir rikorrenti

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas 26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2010 — Fraas vs UASI (Disinn iċċangjat bil-kuluri iswed, griż skur, griż ċar u aħmar skur)

(Kawża T-327/10)

(2010/C 288/84)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: V. Fraas GmbH (Helmbrechts-Wüstenselbitz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Würtenberger u R. Kunze, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-7 ta' Ġunju 2010, fil-Każ R 189/2010-4;

— tikkundanna Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva, li tirrappreżenta disinn iċċangjat bil-kuluri iswed, griż skur, griż ċar u aħmar skur, għal prodotti fil-klassijiet 18, 24 u 25

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾, peress li t-trade mark inkwistjoni għandha karattru deskrittiv, u ksur tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni d-diversi argumenti ta' fatt u ta' dritt li ġew ippreżentati mir-rikorrenti.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2010 — Fraas vs UASI (Disinn iċċangjat bil-kuluri griż skur, griż ċar, beige u aħmar skur)

(Kawża T-328/10)

(2010/C 288/85)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: V. Fraas GmbH (Helmbrechts-Wüstenselbitz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Würtenberger u R. Kunze, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas 7 ta' Ġunju 2010, fil-Każ R 190/2010-4;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għall-ispejjeż.